C/2024/1048

9.2.2024

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni – Qafas tal-UE għall-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni

(C/2024/1048)

Relatur Ġenerali:	Jean-Luc VANRAES (BE/Renew Europe), Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Uccle
Dokumenti ta' referenza:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/JHA u l-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill COM(2023) 234 final Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fir-rigward tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni JOIN(2023) 12 final

I. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

COM(2023) 234 final

Emenda 1

Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Membri tal-Parlament u uffiċjali pubbliċi oħra jista' jkollhom immunità jew protezzjoni legali minn investigazzjoni jew prosekuzzjoni, li tgħin biex tissaħħaħ l-indipendenza tagħhom billi jiġu protetti minn ilmenti bla bażi, b'mod partikolari fir-rigward tal-opinjonijiet espressi jew il-voti mitfugħa matul it-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom. Madankollu, tali immunitajiet jistgħu jfixklu l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettiva ta' reati ta' korruzzjoni, inkluż billi jaffettwaw l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' persuni oħra li ma jgawdux minn immunità u li setgħu pparteċipaw fir-reat. Barra minn hekk, l-applikazzjoni tal-immunità mingħajr proċeduri xierqa biex titneħħa l-immunità f'każijiet fejn ikun hemm raġunijiet biex wieħed jissuspetta l-parteċipazzjoni f'atti kriminali, timmina l-kredibbiltà tal-istituzzjonijiet pubbliċi. Għalhekk jenħtieġ li jkun hemm bilanċ xieraq bejn, minn naħa waħda, kwalunkwe immunità jew privileġġ ġuriżdizzjonali mogħti lill-uffiċjali pubbliċi għall-atti mwettqa fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, u min-naħa l-oħra, il-possibbiltà li jiġu investigati, ipproċessati u ġġudikati b'mod effettiv ir-reati ta' korruzzjoni.	Il-Membri tal-Parlament u uffiċjali pubbliċi oħra jista' jkollhom immunità jew protezzjoni legali minn investigazzjoni jew prosekuzzjoni, li tgħin biex tissaħħaħ l-indipendenza tagħhom billi jiġu protetti minn ilmenti bla bażi, b'mod partikolari fir-rigward tal-opinjonijiet espressi jew il-voti mitfugħa matul it-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom. Madankollu, tali immunitajiet jistgħu jfixklu l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettiva ta' reati ta' korruzzjoni, inkluż billi jaffettwaw l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' persuni oħra li ma jgawdux minn immunità u li setgħu pparteċipaw fir-reat. Barra minn hekk, l-applikazzjoni tal-immunità mingħajr proċeduri xierqa biex titneħħa l-immunità f'każijiet fejn ikun hemm raġunijiet biex wieħed jissuspetta l-parteċipazzjoni f'atti kriminali, timmina l-kredibbiltà tal-istituzzjonijiet pubbliċi. Għalhekk jenħtieġ li jkun hemm bilanċ xieraq bejn, minn naħa waħda, kwalunkwe immunità jew privileġġ ġuriżdizzjonali mogħti lill-uffiċjali pubbliċi għall-atti mwettqa fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, u min-naħa l-oħra, il-possibbiltà li jiġu investigati, ipproċessati u ġġudikati b'mod effettiv ir-reati ta' korruzzjoni***, jekk u sakemm dan ikun f'konformità mas-sistema legali u kostituzzjonali tal-Istat Membru kkonċernat***.

Raġuni

Arranġamenti bħal dawn għandhom dejjem ikunu konformi mal-istrutturi politiċi u kostituzzjonali tal-Istati Membri.

Emenda 2

Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Biex il-korruzzjoni tiġi miġġielda b'mod effettiv, huwa kruċjali li jkun hemm skambju effiċjenti ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati ta' korruzzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-informazzjoni tiġi skambjata b'mod effettiv u f'waqtu f'konformità mad-dritt nazzjonali u tal-Unjoni. Din id-Direttiva, li għandha l-għan li tistabbilixxi definizzjonijiet komuni tar-reati ta' korruzzjoni, jenħtieġ li sservi bħala punt ta' riferiment għall-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont id-Direttivi (UE) XX/2023[52], (UE) 2019/1153[53], (UE) 2016/681[54] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti (UE) 2018/1240[55], (UE) 2018/1862[56] u (UE) 603/2013[57] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI[58].	Biex il-korruzzjoni tiġi miġġielda b'mod effettiv, huwa kruċjali li jkun hemm skambju effiċjenti ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati ta' korruzzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-informazzjoni tiġi skambjata b'mod effettiv u f'waqtu ***bejn l-awtoritajiet federali, tal-istat u dawk reġjonali u lokali kompetenti fi ħdan Stat Membri, kif ukoll bejniethom u bejn dawk ta' Stati Membri oħra,*** f'konformità mad-dritt nazzjonali u tal-Unjoni. Din id-Direttiva, li għandha l-għan li tistabbilixxi definizzjonijiet komuni tar-reati ta' korruzzjoni, jenħtieġ li sservi bħala punt ta' riferiment għall-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont id-Direttivi (UE) XX/2023[52], (UE) 2019/1153[53], (UE) 2016/681[54] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti (UE) 2018/1240[55], (UE) 2018/1862[56] u (UE) 603/2013[57] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI[58].

Raġuni

Approċċ integrat għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni jenħtieġ fluss bla xkiel tal-iskambju ta' informazzjoni mhux biss bejn l-Istati Membri iżda wkoll fi ħdan l-Istati Membri fejn il-gvernijiet reġjonali jew lokali huma fdati bis-setgħat rilevanti, kif ukoll bejn tali gvernijiet sottonazzjonali ta' Stati Membri differenti, speċjalment f'każijiet ta' korruzzjoni transfruntiera.

Emenda 3

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:	Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
1. "prevenzjoni tal-korruzzjoni" tirreferi għall-identifikazzjoni u l-eliminazzjoni tal-kawżi u l-kundizzjonijiet għall-korruzzjoni, permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistema ta' miżuri xierqa, kif ukoll id-deterrenza kontra atti relatati mal-korruzzjoni.	1. "prevenzjoni tal-korruzzjoni" tirreferi għall-identifikazzjoni u l-eliminazzjoni tal-kawżi u l-kundizzjonijiet għall-korruzzjoni, permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistema ta' miżuri xierqa, kif ukoll id-deterrenza kontra atti relatati mal-korruzzjoni.
2. "proprjetà" tfisser fondi jew assi ta' kwalunkwe tip, kemm jekk korporali jew inkorporali, mobbli jew immobbli, tanġibbli jew intanġibbli, u dokumenti jew strumenti legali fi kwalunkwe forma, inkluża dik elettronika jew diġitali, li jixhdu t-titolu għal tali assi, jew interess fihom.	2. "proprjetà" tfisser fondi jew assi ta' kwalunkwe tip, kemm jekk korporali jew inkorporali, mobbli jew immobbli, tanġibbli jew intanġibbli, u dokumenti jew strumenti legali fi kwalunkwe forma, inkluża dik elettronika jew diġitali, li jixhdu t-titolu għal tali assi, jew interess fihom.

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
3. "uffiċjal pubbliku" tfisser:	3. "uffiċjal pubbliku" tfisser:
(a) uffiċjal tal-Unjoni jew uffiċjal nazzjonali ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz,	(a) uffiċjal tal-Unjoni jew uffiċjal nazzjonali ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz***, kemm jekk maħtur jew elett, kemm jekk permanenti jew temporanju, kemm jekk bi ħlas jew bla ħlas***;
(b) kwalunkwe persuna oħra assenjata u li teżerċita funzjoni ta' servizz pubbliku ***fl-Istati Membri*** jew ***f'pajjiżi terzi, għal organizzazzjoni internazzjonali jew għal qorti internazzjonali***.	(b) kwalunkwe persuna oħra assenjata u li teżerċita funzjoni ta' servizz pubbliku ***fi Stat Membru*** jew ***f'pajjiż terz, li tkun ingħatat awtorità pubblika jew li tkun soġġetta għall-kontroll jew is-superviżjoni ta-l-awtoritajiet pubbliċi;***
	(c) ***kwalunkwe persuna li taħdem f'intrapriżi tal-istat, gvern reġjonali jew lokali, jew f'fondazzjonijiet ta' ġestjoni tal-assi u kumpaniji privati li jwettqu funzjonijiet ta' servizz pubbliku;***
	(d) ***kwalunkwe persuna oħra assenjata u li teżerċita funzjoni ta' servizz pubbliku għal organizzazzjoni internazzjonali jew għal qorti internazzjonali.***
4. "uffiċjal tal-Unjoni" tfisser persuna li tkun:	4. "uffiċjal tal-Unjoni" tfisser persuna li tkun:
(a) membru ta' istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni u l-persunal ta' tali korpi għandu jiġi assimilat mal-uffiċjali tal-Unjoni.	(a) membru ta' istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni u l-persunal ta' tali korpi għandu jiġi assimilat mal-uffiċjali tal-Unjoni.
(b) uffiċjal jew impjegat ieħor ingaġġat b'kuntratt mill-Unjoni skont it-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal għal-l-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 (ir-"Regolamenti tal-Persunal");	(b) uffiċjal jew impjegat ieħor ingaġġat b'kuntratt mill-Unjoni skont it-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal għal-l-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 (ir-"Regolamenti tal-Persunal");
(c) issekondata lill-Unjoni minn Stat Membru jew minn kwalunkwe korp pubbliku jew privat, li twettaq funzjonijiet ekwivalenti għal dawk imwettqa minn uffiċjali jew aġenti oħra tal-Unjoni.	(c) issekondata lill-Unjoni minn Stat Membru jew minn kwalunkwe korp pubbliku jew privat, li twettaq funzjonijiet ekwivalenti għal dawk imwettqa minn uffiċjali jew aġenti oħra tal-Unjoni.
5. "uffiċjal nazzjonali" tfisser kwalunkwe persuna li jkollha kariga eżekuttiva, amministrattiva jew ġudizzjarja fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, kemm jekk maħtura jew eletta, kemm jekk permanenti jew temporanja, kemm jekk bi ħlas jew bla ħlas, irrispettivament mill-anzjanità ta' dik il-persuna. Kwalunkwe persuna li jkollha kariga leġiżlattiva fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali titqies bħala uffiċjal nazzjonali għall-finijiet ta' din id-Direttiva.	5. "uffiċjal nazzjonali" tfisser kwalunkwe persuna li jkollha kariga eżekuttiva, amministrattiva jew ġudizzjarja fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, kemm jekk maħtura jew eletta, kemm jekk permanenti jew temporanja, kemm jekk bi ħlas jew bla ħlas, irrispettivament mill-anzjanità ta' dik il-persuna. Kwalunkwe persuna li jkollha kariga leġiżlattiva fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali titqies bħala uffiċjal nazzjonali għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
6. “ksur tad-dmir” tkopri bħala minimu kwalunkwe mġiba żleali li tikkostitwixxi ksur ta’ dmir statutorju, jew, skont il-każ, ksur ta’ regolamenti jew istruzzjonijiet professjonali, li japplikaw fin-negozju ta’ persuna li fi kwalunkwe kapaċità tmexxi jew taħdem għal entità fis-settur privat.	6. “ksur tad-dmir” tkopri bħala minimu kwalunkwe mġiba żleali li tikkostitwixxi ksur ta’ dmir statutorju, jew, skont il-każ, ksur ta’ regolamenti jew istruzzjonijiet professjonali, li japplikaw fin-negozju ta’ persuna li fi kwalunkwe kapaċità tmexxi jew taħdem għal entità fis-settur privat.
7. “persuna ġuridika” tfisser kwalunkwe entità li jkollha personalità ġuridika skont il-liġi nazzjonali applikabbli, minbarra Stati jew korpi pubbliċi fl-eżerċizzju tal-awtorità tal-Istat u organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi.	7. “persuna ġuridika” tfisser kwalunkwe entità li jkollha personalità ġuridika skont il-liġi nazzjonali applikabbli, minbarra Stati jew korpi pubbliċi fl-eżerċizzju tal-awtorità tal-Istat u organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi.
8. “uffiċjali ta’ livell għoli” huma Kapijiet ta’ Stat, Kapijiet ta’ Gvern ċentrali u reġjonali, membri tal-gvern ċentrali u reġjonali, kif ukoll persuni maħtura politiċi oħra li jkollhom kariga pubblika ta’ livell għoli bħal Viċi Ministri, Segretarji tal-Istat, kapijiet u membri tal-uffiċċju privat ta’ Ministru, u uffiċjali politiċi għolja, kif ukoll membri tal-kmamar parlamentari, membri tal-ogħla Qrati, bħall-Qrati Kostituzzjonali u Supremi, u membri tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar.	8. “uffiċjali ta’ livell għoli” huma Kapijiet ta’ Stat, Kapijiet ta’ Gvern ċentrali u reġjonali, membri tal-gvern ċentrali u reġjonali, kif ukoll persuni maħtura politiċi oħra li jkollhom kariga pubblika ta’ livell għoli bħal Viċi Ministri, Segretarji tal-Istat, kapijiet u membri tal-uffiċċju privat ta’ Ministru, u uffiċjali politiċi għolja, kif ukoll membri tal-kmamar parlamentari, membri tal-ogħla Qrati, bħall-Qrati Kostituzzjonali u Supremi, u membri tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar.

Raġuni

L-emenda tagħmel id-definizzjoni konformi mal-premessa 9 tal-proposta.

Emenda 4

Artikolu 5

Riżorsi

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-identifikazzjoni, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew l-aġġudikazzjoni tar-reati kriminali msemmija f’din id-Direttiva jkunu kontinwament ipprovduti b’għadd adegwat ta’ persunal kwalifikat u r-riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi meħtieġa għat-twettiq effettiv tal-funzjonijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali***, reġjonali u lokali*** kompetenti għall-identifikazzjoni, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew l-aġġudikazzjoni tar-reati kriminali msemmija f’din id-Direttiva jkunu kontinwament ipprovduti b’għadd adegwat ta’ persunal kwalifikat u r-riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi meħtieġa għat-twettiq effettiv tal-funzjonijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva.

Raġuni

L-emenda għandha l-għan li tirrifletti l-fatt li f’xi Stati Membri s-setgħat rilevanti huma mogħtija lil-livelli sottonazzjonali ta’ governanza.

Emenda 5

Artikolu 7

Tixħim fis-settur pubbliku

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba li ġejja tkun punibbli bħala reat kriminali***, meta titwettaq intenzjonalment***:	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba li ġejja tkun punibbli bħala reat kriminali:
(a) il-wegħda, l-offerta jew l-għoti, direttament jew permezz ta' intermedjarju, ta' vantaġġ ta' kwalunkwe tip lil uffiċjal pubbliku ***għal*** dak l-uffiċjal jew għal parti terza ***sabiex l-***uffiċjal pubbliku ***jaġixxi*** jew joqgħod lura milli ***jaġixxi f'konformità mad-dmir tiegħu jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' dak l-uffiċjal*** (tixħim attiv);	(a) il-wegħda, l-offerta jew l-għoti, direttament jew permezz ta' intermedjarju, ta' vantaġġ ta' kwalunkwe tip lil uffiċjal pubbliku ***għall-benefiċċju ta'*** dak l-uffiċjal jew għal parti terza ***bl-intenzjoni li jħajjar lill-***uffiċjal pubbliku ***jwettaq*** jew joqgħod lura milli ***jaqdi d-dmir uffiċjali tiegħu jew kwalunkwe att fil-qadi tad-dmirijiet uffiċjali tiegħu b'mod li jmur kontra r-responsabbiltajiet uffiċjali tiegħu*** (tixħim attiv);
(b) it-talba jew ir-riċevuta minn uffiċjal pubbliku, direttament jew permezz ta' intermedjarju, ***ta' vantaġġ ta' kwalunkwe tip jew il-wegħda ta' tali vantaġġ għal*** dak l-uffiċjal jew ***għal*** parti terza, sabiex l-uffiċjal pubbliku ***jaġixxi jew joqgħod lura milli jaġixxi f'konformità mad-dmir tiegħu jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' dak l-uffiċjal*** (tixħim passiv).	(b) it-talba jew ir-riċevuta ***ta' kwalunkwe vantaġġ ta' kwalunkwe tip jew l-aċċettazzjoni ta' wegħda ta' tali vantaġġ*** minn uffiċjal pubbliku, direttament jew permezz ta' intermedjarju, ***għall-benefiċċju ta'*** dak l-uffiċjal jew ***ta'*** parti terza***, bi tpattija*** sabiex l-uffiċjal pubbliku ***jwettaq jew joqgħod lura milli jwettaq id-dmir uffiċjali tiegħu jew kwalunkwe att fil-qadi tad-dmirijiet uffiċjali tiegħu b'mod li jmur kontra r-responsabbiltajiet uffiċjali tiegħu*** (tixħim passiv).

Raġuni

L-emenda għandha l-għan li tiċċara d-definizzjoni lingwistikament, b'kont meħud tal-verżjonijiet lingwistiċi differenti ta' testi legali li fuqhom hija bbażata d-definizzjoni, jiġifieri l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni mfassla abbażi tal-Artikolu K.3(2) (c) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, u l-Artikolu 4(2)(a) u (b) tad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali.

Emenda 6

Artikolu 8

Tixħim fis-settur privat

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba li ġejja tkun punibbli bħala reat kriminali, meta titwettaq intenzjonalment u matul attivitajiet ekonomiċi, finanzjarji, ta' negozju jew kummerċjali:	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba li ġejja tkun punibbli bħala reat kriminali, meta titwettaq intenzjonalment u matul attivitajiet ekonomiċi, finanzjarji, ta' negozju jew kummerċjali:

[1] Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(a) il-wegħda, l-offerta jew l-għoti, direttament jew permezz ta' intermedjarju, ta' vantaġġ indebitu ta' kwalunkwe tip lil persuna li fi kwalunkwe kapaċità tmexxi jew taħdem għal entità tas-settur privat, ***għal*** dik il-persuna jew ***għal*** parti terza, ***sabiex*** dik il-persuna ***tagixxi*** jew toqgħod lura milli tagixxi, bi ksur tad-dmirijiet ta' dik il-persuna (tixħim attiv);	(a) il-wegħda, l-offerta jew l-għoti, direttament jew permezz ta' intermedjarju, ta' vantaġġ indebitu ta' kwalunkwe tip lil persuna li fi kwalunkwe kapaċità tmexxi jew taħdem għal entità tas-settur privat, ***għall-benefiċċju ta'*** dik il-persuna jew ***ta'*** parti terza, ***bl-intenzjoni li tħajjar lil*** dik il-persuna ***twettaq att bi ksur tad-dmirijiet ta' dik il-persuna*** jew toqgħod lura milli tagixxi, bi ksur tad-dmirijiet ta' dik il-persuna (tixħim attiv);
(b) it-talba jew ir-riċevuta minn persuna, direttament jew permezz ta' intermedjarju, ta' vantaġġ indebitu ta' kwalunkwe tip jew ***il-***wegħda ta' tali vantaġġ, ***għal*** dik il-persuna jew ***għal*** parti terza, waqt li fi kwalunkwe kapaċità tkun qiegħda tmexxi jew taħdem għal entità tas-settur privat, ***biex tagixxi*** jew toqgħod lura milli ***tagixxi, bi ksur tad***-dmirijiet ta' dik il-persuna (tixħim passiv).	(b) it-talba jew ir-riċevuta minn persuna, direttament jew permezz ta' intermedjarju, ta' vantaġġ indebitu ta' kwalunkwe tip jew ***l-aċċettazzjoni ta'*** wegħda ta' tali vantaġġ, ***għall-benefiċċju ta'*** dik il-persuna jew ***ta'*** parti terza, waqt li fi kwalunkwe kapaċità tkun qiegħda tmexxi jew taħdem għal entità tas-settur privat, ***bi tpattija sabiex twettaq att li jmur kontra d-dmirijiet tal-persuna*** jew toqgħod lura milli ***twettaq att b'mod li jikser id***-dmirijiet ta' dik il-persuna (tixħim passiv).

Raġuni

L-emenda għandha l-għan li tiċċara d-definizzjoni lingwistikament, b'kont meħud tal-verżjonijiet lingwistiċi differenti tat-test legali li fuqu hija bbażata d-definizzjoni, jiġifieri d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/JHA ([2]) tat-22 ta' Lulju 2003 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-settur privat.

Emenda 7

Artikolu 15a (ġdid)

Projbizzjoni ta' maħfriet u amnestiji

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippre-vedu definizzjonijiet ċari għall-maħfriet, amnestiji, u atti ta' proklama, għal kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva, u l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-mekkaniżmi u ċ-ċirkostanzi li jirregolaw l-applikazzjoni tagħhom.

Raġuni

F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeterminaw l-applikazzjoni tagħhom.

Emenda 8

Artikolu 19

Privileġġi jew immunità mill-investigazzjoni u mill-prosekuzzjoni ta' reati ta' korruzzjoni

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-privileġġi jew l-immunitajiet mill-investigaz-zjoni u mill-prosekuzzjoni mogħtija lill-uffiċjali nazzjonali għar-reati msemmija f'din id-Direttiva jkunu jistgħu jitneħ-ħew permezz ta' proċess oġġettiv, imparzjali, effettiv u trasparenti stabbilit minn qabel bil-liġi, abbażi ta' kriterji ċari, u li jiġi konkluż f'perjodu ta' żmien raġonevoli.	***Fejn dan ikun kompatibbli mas-sistema legali u l-prinċipji kostituzzjonali tagħhom,*** l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-privileġġi jew l-immu-nitajiet mill-investigazzjoni u mill-prosekuzzjoni mogħtija lill-uffiċjali nazzjonali għar-reati msemmija f'din id-Direttiva jkunu jistgħu jitneħħew permezz ta' proċess oġġettiv, imparzjali, effettiv u trasparenti stabbilit minn qabel bil-liġi, abbażi ta' kriterji ċari, u li jiġi konkluż f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

([2]) ĠU L 192, 31.7.2003, p. 54.

Raġuni

Miżuri bħal dawn iridu jikkonformaw dejjem mal-istrutturi politiċi u kostituzzjonali tal-Istati Membri, skont l-Artikolu 4(2) tat-TUE.

II. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI (KtR)

1. jenfasizza li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni hija essenzjali sabiex jiġi ggarantit l-istat tad-dritt. Iwisi li, skont l-aħħar Ewrobarometru speċjali dwar il-korruzzjoni ([3]), kważi tliet kwarti tal-Ewropej (74 %) jaħsbu li hemm korruzzjoni fl-istituzzjonijiet pubbliċi nazzjonali f'pajjiżhom, u 73 % tal-Ewropej iqisu li hemm korruzzjoni fl-istituzzjonijiet pubbliċi lokali jew reġjonali f'pajjiżhom;

2. jitlob li din it-theddida tiġi indirizzata fil-livelli kollha ta' governanza – lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE, peress li ċ-ċittadini jistennew standards għoljin ta' integrità mill-uffiċjali pubbliċi. Iwissi li l-każijiet ta' korruzzjoni fil-livell tal-UE jimminaw serjament il-fiduċja tal-pubbliku fl-istituzzjonijiet tal-UE;

3. jenfasizza li meta ngħaqad mal-Unjoni Ewropea, kull Stat Membru impenja ruħu f'dan ir-rigward, peress li istituzzjonijiet demokratiċi stabbli u li jiffunzjonaw tajjeb, ġudikatura indipendenti, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata huma lkoll kundizzjonijiet preliminari previsti mir-rekwiżit li jiġi rispettat l-istat tad-dritt minqux fil-kriterji ta' Copenhagen li permezz tagħhom jitkejlu l-pajjiżi kandidati kollha tal-UE;

4. itenni li l-korruzzjoni toħloq theddida kbira għall-governanza lokali u reġjonali u għad-demokrazija fl-Ewropa, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni hija kruċjali għas-salvagwardja tal-valuri demokratiċi Ewropej kif ukoll għall-protezzjoni tal-funzjonament b'saħħtu u t-tkabbir tas-Suq Uniku Ewropew;

5. jirrimarka li l-individwi li jgħixu f'reġjuni b'livelli ogħla ta' korruzzjoni esperjenzata, meta kull ħaġa oħra tkun ugwali, jirrapportaw bħala medja livell aktar baxx ta' sodisfazzjon fil-ħajja. Jirrikonoxxi l-impatt sinifikanti tal-korruzzjoni fuq ir-reġjuni inqas żviluppati, li jimpedixxi l-progress tagħhom u jaggrava l-inugwaljanzi, u jenfasizza l-ħtieġa għal inizjattivi mmirati kontra l-korruzzjoni f'dawn ir-reġjuni biex jippromovu l-iżvilupp soċjali u ekonomiku;

6. japprova l-objettiv ġenerali tad-Direttiva kontra l-korruzzjoni proposta mill-Kummissjoni Ewropea biex tarmonizza l-leġiżlazzjoni rilevanti fl-Istati Membri kollha. Il-proposta tirrifletti b'mod tajjeb l-Artikolu 83 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkwalifika l-korruzzjoni bħala "kriminalità transfruntiera serja", jiġifieri, reat partikolarment serju b'dimensjoni transfruntiera, f'liema każ l-UE tista' f'ċerti ċirkostanzi, tadotta regoli minimi f'dan il-qasam. Id-dimensjoni transfruntiera tal-korruzzjoni u d-disparità qawwija fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi kriminali tal-Istati Membri jeħtieġu koordinazzjoni u definizzjoni aktar b'saħħithom ta' standards komuni madwar l-UE. Jirrikonoxxi bl-istess mod, li l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva fid-dritt kriminali nazzjonali se tkun proċess diffiċli u dejjiemi;

7. iqis li, peress li l-korruzzjoni ddgħajjef id-demokrazija Ewropea u l-integrità tal-elezzjonijiet fil-livelli kollha ta' gvern, ta' min jilqa' s-sanzjoni addizzjonali proposta mid-Direttiva dwar iċ-ċaħda tad-dritt li wieħed joħroġ għall-elezzjonijiet abbażi ta' definizzjoni komuni ta' korruzzjoni fl-UE, speċjalment peress li l-proposta tirrikjedi biss li l-leġiżlatur nazzjonali jipprevedi l-possibbilta ta' dawn is-sanzjonijiet u l-miżuri addizjonali jew alternattivi elenkati fl-Artikolu 15(4);

8. jinsab konvint li, minħabba d-dimensjoni transfruntiera tal-korruzzjoni u r-rabta dejjem akbar tagħha mal-kriminalità organizzata transfruntiera, u b'kont meħud tal-leġiżlazzjoni diġà eżistenti tal-UE, l-azzjoni fil-livell tal-UE hija aktar adatta minn dik meħuda mill-Istati Membri individwalment. Għalhekk, il-proposta tidher kompatibbli mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Barra minn hekk, il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità minħabba li hija limitata għal dak li huwa meħtieġ u proporzjonat għall-prevenzjoni u l-ġlieda effiċjenti kontra l-korruzzjoni u għall-implimentazzjoni ta' obbligi u standards internazzjonali. Barra minn hekk, peress li l-proposta għandha l-forma ta' direttiva, din tagħti lill-Istati Membri biżżejjed libertà fl-implimentazzjoni tagħha;

([3]) *L-attitudnijiet taċ-ċittadini lejn il-korruzzjoni fl-UE fl-2023 – Lulju 2023 – Stħarriġ tal-Ewrobarometru (https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/2658)*

9. jenfasizza li diġà jeżistu strumenti komprensivi fil-livell internazzjonali, Ewropew u nazzjonali għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni iżda l-effettività tagħhom għadha mxekkla minn lakuni fl-implimentazzjoni u l-infurzar u l-ostakli fil-kooperazzjoni, li huwa aspett fejn hemm bżonn ta' aktar sforz;

10. jisħaq fuq l-importanza ta' implimentazzjoni f'waqtha tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà (CSRD) ([4]) fis-sistemi legali tal-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżit li l-impriżi jiżvelaw fatturi ta' governanza bħall-etika tan-negozju u l-kultura korporattiva, inklużi l-miżuri tagħhom kontra l-korruzzjoni u kontra t-tixħim u l-protezzjoni tal-informaturi. Jirrikonoxxi r-rwol vitali tal-edukazzjoni, it-taħriġ mill-ġdid u l-programmi ta' titjib tal-ħiliet fit-trawwim tal-valuri etiċi, l-integrità, u s-sensibilizzazzjoni kontra l-korruzzjoni fost iċ-ċittadini, u jappella għal aktar investimenti f'inizjattivi edukattivi mmirati lejn il-promozzjoni ta' kultura ta' integrità u ta' responsabbiltà;

11. jappoġġja l-isforzi biex jinxterdu prattiki tajbin applikati minn ħafna reġjuni jew amministrazzjonijiet lokali b'mod partikolari fir-rigward tal-akkwist pubbliku, l-istandards ta' trasparenza, id-divulgazzjoni tal-assi, il-prevenzjoni u s-sanzjonar tal-kunflitti ta' interess, kif ukoll il-kontroll tal-infiq pubbliku. Jinsisti f'dan ir-rigward fuq l-importanza tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti bħala mezz biex jissaħħu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont;

12. jirrimarka l-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, pereżempju, billi organizzaw konferenza konġunta dwar ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-prevenzjoni tal-korruzzjoni u l-promozzjoni ta' governanza tajba;

13. jenfasizza l-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew għall-Persuni kollha involuti fil-Governanza Lokali u Reġjonali adottat mill-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa bħala eżempju eċċellenti biex il-ġlieda kontra l-korruzzjoni ssir prijorità fit-tul għall-gvernijiet lokali u reġjonali u l-assoċjazzjonijiet tagħhom; jindika r-Riżoluzzjoni 433 (2018) ([5]) li fiha l-Kungress jistieden lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jadottaw dan il-Kodiċi huma stess jew ifasslu u jippromovu kodiċijiet ta' kondotta simili;

14. jappella sabiex il-promozzjoni u s-segwitu ta' dan il-Kodiċi jitmexxew b'mod konġunt mill-KtR u mill-Kungress permezz ta' djalogu annwali u rapport ta' segwitu bħala għodda effettiva għall-monitoraġġ tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

15. jirrakkomanda li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jirriflettu dwar l-oqfsa eżistenti tagħhom tal-etika u l-integrità u l-użu ta' firxa sħiħa ta' attivitajiet u għodod sabiex jiġġieldu aħjar kwalunkwe prattika potenzjalment korrotta u jiżguraw mill-ġdid liċ-ċittadini standards etiċi għoljin;

16. jistieden lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jispiraw ruħhom mill-Kodiċi u mil-linji gwida proposti mill-Kungress u jiżviluppaw jew jirrevedu l-istrateġiji u l-kodiċijiet ta' kondotta tagħhom kontra l-korruzzjoni billi jindirizzaw, fost oħrajn, l-oqsma tat-trasparenza u l-metodi miftuħa ta' governanza, il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess u l-klijenteliżmu permezz taż-żamma tar-reġistri tal-interessi finanzjarji u mhux finanzjarji tal-uffiċjali pubbliċi, protezzjoni ċara tal-informaturi sabiex tissaħħaħ l-imġiba marbuta mar-rappurtar, il-ġlieda kontra n-nepotiżmu, il-kroniżmu jew il-favoritiżmu, l-iżgurar ta' trasparenza sħiħa tal-proċessi tal-akkwist pubbliku u l-evitar tal-abbuż tar-riżorsi amministrattivi fil-kampanji elettorali;

17. jenfasizza li fil-proċess tat-tkabbir, l-allinjament mal-liġi eżistenti tal-UE, l-aderenza mal-istat tad-dritt u r-riformi kontra l-korruzzjoni fil-biċċa l-kbira jiddeterminaw il-pass tal-progress tal-pajjiżi kandidati lejn l-adeżjoni mal-UE. L-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-pajjiżi kandidati għandhom jagħtu prijorità lill-istrateġiji tagħhom stess kontra l-korruzzjoni u jippromovu standards għoljin ta' integrità u trasparenza fil-korpi pubbliċi li jiġġestixxu u jissorveljaw;

18. iwissi li l-kostruzzjoni marbuta mal-iżvilupp urban, kif ukoll il-ġestjoni tal-iskart, il-ġestjoni tal-portijiet (inkluża t-theddida tal-korruzzjoni relatata mat-traffikar tad-droga) u l-akkwist pubbliku, huma fost l-iżjed setturi suxxettibbli għall-korruzzjoni fil-livell lokali u jeħtieġ li jiġu indirizzati speċifikament permezz ta' strateġiji mmirati kontra l-korruzzjoni. Jappella għall-istabbiliment ta' portali online aċċessibbli u faċli għall-utent fl-Istati Membri, li jipprovdu informazzjoni komprensiva dwar l-akkwist pubbliku, il-baġits, u l-infiq fil-livelli lokali u reġjonali, irawmu t-trasparenza u jippermettu liċ-ċittadini jiskrutinizzaw l-użu tal-fondi pubbliċi;

([4]) Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 15).

([5]) https://rm.coe.int/european-code-of-conduct-for-all-persons-involved-in-local-and-regiona/16808d3295

19. ifaħħar l-isforzi eżistenti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jipprevjenu l-korruzzjoni u jiġġeneraw fiduċja fid-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-komunitajiet madwar l-Unjoni Ewropea, bħall-istabbiliment ta' kumitati għall-integrità, il-promozzjoni ta' prattiki tajbin, it-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont, l-iskrutinju tal-prattiki ta' investiment u akkwist, id-diġitalizzazzjoni tal-flussi tax-xogħol, l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta, u l-infurzar ugwali tar-regolamenti lokali u t-titjib tas-servizzi pubbliċi b'mod ġenerali;

20. ifaħħar l-inizjattivi tas-soċjetà ċivili li kellhom ukoll effett ta' benefiċċju fuq ir-responsabbiltà tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fir-rigward tat-trasparenza tal-infiq pubbliku. Iħeġġeġ il-parteċipazzjoni attiva tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-isforzi kontra l-korruzzjoni, u li titrawwem il-kollaborazzjoni bejn il-gvernijiet lokali, is-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini;

21. jitlob remunerazzjoni adegwata għas-sindki u l-kunsilliera, b'mod partikolari tal-muniċipalitajiet iż-żgħar, biex jiġi rikonoxxut ir-rwol tagħhom bħala pożizzjoni ta' impjieg full-time sabiex jissaħħu l-amministrazzjoni tajba u l-integrità fil-governanza minn isfel għal fuq;

22. jenfasizza li d-dikjarazzjonijiet tal-interessi u l-assi għandhom jiġu ssemplifikati u ċentralizzati sabiex jittaffa l-piż amministrattiv fuq il-persuni u l-entitajiet li jirrapportaw, filwaqt li l-aċċess għal tali dikjarazzjonijiet għandu jirrifletti bilanċ għaqli bejn il-protezzjoni tal-privatezza u l-aspettattiva tal-pubbliku dwar it-trasparenza;

23. jenfasizza l-importanza ta' rappurtar ta' segwitu regolari dwar il-kodiċijiet ta' kondotta implimentati u l-ħtieġa ta' taħriġ regolari u valutazzjonijiet tar-riskju settorjali għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u gwidi dwar l-interazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat fil-livell lokali u reġjonali. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi ta' rappurtar standardizzati, li jiżguraw li l-prattiki ta' trasparenza jkunu konsistenti f'setturi differenti. Ir-rapporti ta' trasparenza għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku u faċilment aċċessibbli, li jagħtu s-setgħa liċ-ċittadini biex iżommu lill-awtoritajiet responsabbli għall-azzjonijiet tagħhom;

24. jitlob l-introduzzjoni ta' miżuri preventivi b'saħħithom, inkluż permezz ta' programmi ta' informazzjoni u riċerka ta' akkumpanjament biex tissaħħaħ is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku;

25. ifaħħar ir-rwol tal-media fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni filwaqt li taderixxi mal-prinċipji ta' ġurnaliżmu responsabbli u mġiba etika, b'mod partikolari fir-rigward tad-dritt fundamentali tal-preżunzjoni tal-innoċenza. Iħeġġeġ l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali, bħal pjattaformi online għar-rappurtar tal-korruzzjoni, biex jiġi ffaċilitat ir-rapportar anonimu u tittejjeb is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar kwistjonijiet relatati mal-korruzzjoni;

26. jimpenja ruħu li jaqdi rwol attiv fl-istabbiliment tal-Korp tal-Etika interistituzzjonali u fl-iżvilupp ta' regoli ta' trasparenza applikabbli fl-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE. Jimpenja ruħu li jappoġġja inizjattivi mmirati lejn it-tisħiħ tar-responsabbiltà, u l-imġiba etika fi ħdan l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE. Iħeġġeġ l-istabbiliment ta' qafas komprensiv u uniformi għar-rappurtar u l-indirizzar tal-ksur etiku fl-istituzzjonijiet kollha tal-UE, u li jiġu żgurati l-konsistenza u l-ġustizzja fit-trattament ta' kwistjonijiet relatati mal-integrità;

27. jappoġġja l-idea li l-Kodiċi ta' Kondotta tiegħu stess jiġi rivedut bħala eżempju ta' integrità istituzzjonali u trasparenza;

28. jesprimi l-interess qawwi tiegħu li jipparteċipa fil-ħidma tan-Network Ewropew Kontra l-Korruzzjoni stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea, fit-twemmin sod li l-perspettiva lokali u reġjonali hija essenzjali biex il-korruzzjoni tiġi miġġielda b'mod effettiv.

Brussell, 29 ta' Novembru 2023

Vasco ALVES CORDEIRO

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni